MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 26/2008

**Il-Pulizija**
**(Surgent Jason Grima)**
**Vs**
**Emanuel Grogan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. fl-Lulju 2007 u x-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jhallas il-manteniment dovut lil martu Nadienne Grogan ghal minuri, skond digriet 1414/06 datat 22 ta' Settembru, 2006, hekk kif emendat permezz ta' digriet 319/07 datat 23 ta' Frar, 2007, mahrug mill-Qorti tal-Familja;
2. sar recidiv permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja li giet deciza fid-29 ta' Jannar, 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Jannar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Jannar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati ta’ l-ewwel imputazzjoni kontrih, thassaraha fejn huwa gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni w fejn kien gie kkundannat xahar prigunerija w minflok tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni w tinfliggi piena ohra li tkun aktar xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat in-Nota tal-appellant tal-10 ta’ Gunju, 2008 li biha pprezenta kopja ta’ dokument illi jikkonferma li sat-28 ta’ Frar, 2008 kien hallas lil martu l-arretrati kollha ta’ manteniment lilha dovuti w li wara dik id-data l-manteniment relativ beda jithallas direttament mis-salarju ta’ l-appellant.

Semghet bil-gurament ix-xhieda ta’ mart l-appellant Nadienne Grogan li ddikjarat ili fil-mori tal-appell gew imhallsa l-arretrati kollha tal-manteniment dovut u li dan il-manteniment issa qed jithallas regolarment mis-salarju tal-appellant u li ghalhekk hi mhix interessata li jkun hemm il-piena karcerarja li fil-fatt giet erogata mill-Ewwel Qorti.

Rat il-verbal li bih il-prosekutur Dr. Anthony Barbara wkoll iddikjara li stante dan l-izvilupp hemm lok ghal temperament fil-piena w ghalhekk il-prosekuzzjoni ma tinsistix li tibqa’ ssehh il-piena karcerarja.

Ikkonsidrat

In vista ta' dan l-izvilupp posittiv li sar fil-mori tal-appell, din il-Qorti kif taghmel regolarment, u meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet, tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi kollha godda li jkunu zviluppaw fil-mori tal-appell u minkejja li s-sentenzi w id-digrieti bl-ordni tal-Qrati ghandhom jigu dejjem rispettati, jibqa' l-fatt illi meta r-rikalcitranza tal-pagatur tigi rimedjata fil-mori tal-appell, ghandu jkun hemm l-incentiv biex dan isir billi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tigi temperata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza w tal-addebitu dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundanah ghall-ammenda ta' hamsin Euro (€ 50) li jridu jithallsu llum inkella, fin-nuqqas, jigu konvertiti f'piena ta' detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------